

16.11.2023

A9-0319/474

**Emenda 474**  
**Grace O'Sullivan**  
f' isem il-Grupp Verts/ALE

**Rapport**  
**Frédérique Ries**  
L-imballaġġ u l-iskart mill-imballaġġ  
(COM(2022)0677 – C9-0400/2022 – 2022/0396(COD))

**A9-0319/2023**

**Proposta għal regolament**  
**Anness II – Tabella 2a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**Tabella 2a: Parametri indikattivi li għandhom jitqiesu meta jiġu stabbiliti kriterji tad-disinn għar-riċiklaġġ skont l-Artikolu 6**

<b>Disinn għall-kriterji tar-riċiklaġġ</b>	<b>Deskrizzjoni</b>
<b>Addittivi</b>	<p><i>Il-preżenza ta' addittivi fil-kontenituri tal-imballaġġ tista' twassal għas-separazzjoni skorretta tal-materjali tal-imballaġġ matul il-proċess tas-separazzjoni u tikkontamina l-materja prima sekondarja li tirriżulta.</i></p> <p><i>Tipi differenti ta' plastik għandhom densità differenti, u din tintuża għas-separazzjoni tal-materjali fit-teknoloġija tas-separazzjoni. Jekk din id-densità speċifika ta' tip ta' plastik tinbidel artifiċjalment biż-żieda ta' materjali li jimmodifikaw id-densità (jiġifieri addittivi), il-proċess tas-separazzjoni ma jkunx jista' jintuża aktar. Limitu deċiżiv huwa d-densità oġġla jew iktar baxxa minn 1 g/cm<sup>3</sup>.</i></p>
<b>Tikketti/sleeves</b>	<p><i>Sleeves sħaħ jew sleeves f'pakkett jistgħu jirriżultaw f'separazzjoni skorretta matul il-proċess tas-separazzjoni u jistgħu jiddegradaw il-kwalità tal-materja prima sekondarja.</i></p> <p><i>Għall-fliexken, jekk il-materjal tas-sleeve ma jkunx identiku għal dak tal-fliexkun u/jew is-sleeve tkun kollha stampata, il-kulur tal-fliexkun (eż. trasparenti) ma jistax jiġi assenjat u sseparat b'mod korrett.</i></p>

<p><b>Sistemi tal-għeluq u biċċiet żgħar</b></p>	<p><i>Għeluq li ma jkunx imwaħħal sew mal-imballaġġ jista' jżid l-iskart u jnaqqas ukoll l-effiċjenza tal-proċessi tas-separazzjoni u tar-riċiklaġġ sussegwenti. Il-biċċiet żgħar jistgħu jitwaħħlu mekkanikament biex fil-proċess tas-separazzjoni ikunu jistgħu jitneħħew faċilment.</i></p> <p><i>L-għeluq tal-plastik għandu jkun iddisinjat b'tali mod li jkun jista' jiġi separat qabel jintrema jew matul il-proċess tas-separazzjoni. Fi fliexken tal-PET, jekk jintużaw fojls tas-sigilliar, dawn iridu jkunu faċli li jitneħħew mingħajr ma jħallu l-ebda residwu.</i></p> <p><i>L-għeluq tal-fliexken tal-PET idealment għandu jkollu densità ta' inqas minn 1 g/cm<sup>3</sup> biex jippermetti li jiġu sseparati matul il-proċess ta' separazzjoni jew tar-riċiklaġġ.</i></p> <p><i>Mill-2024 'il quddiem, l-adeżjoni tal-għeluq (f'konformità mal-Artikolu 6 tad-Direttiva 2019/904) trid tkun garantita għaż-żmien tal-użu maħsub għal kontenituri tax-xorb sa 3 litri.</i></p>
<p><b>Adeżivi</b></p>	<p><i>Il-komponenti adeżivi għandhom ikunu ddisinjati b'tali mod li jkunu jistgħu jiġu separati faċilment fil-proċess tar-riċiklaġġ jew mill-utent finali (JEW li ma jaffettwawx l-effiċjenza tal-proċessi tas-separazzjoni u tar-riċiklaġġ). Il-preżenza ta' residwi adeżivi fuq l-imballaġġ tista' tiddegrada l-kwalità (il-purità) tal-materja prima sekondarja.</i></p> <p><i>Il-materjali adeżivi li jkun fihom metall jew aluminju (bi h'xuna ta' saff ta' &gt; 5 µm) jistgħu jirriżultaw f'separazzjoni mhux mixtieqa fil-frazzjoni tal-metall.</i></p> <p><i>L-adeżivi għandhom ikunu jistgħu jinħaslu bl-ilma biex tiġi żgurata s-separazzjoni minn mal-imballaġġ prinċipali u li ma jibqa' l-ebda residwu adeżiv.</i></p>
<p><b>Kuluri</b></p>	<p><i>Il-materjali miżbugħin ħafna fil-karti jew fil-plastiks jistgħu jikkawżaw problemi fir-rigward tas-separazzjoni u jistgħu jiddegradaw il-kwalità tal-materja prima sekondarja.</i></p> <p><i>Pereżempju, żebgħa bbażata fuq l-iswed tal-karbonju, tista', fil-kuntest tad-detezzjoni tas-separazzjoni bl-infraaħmar matul il-proċess tas-separazzjoni tal-plastiks, twassal għal klassifikazzjoni ħażina tal-materjal, jew il-materjal jiġi eliminat fil-proċess tas-separazzjoni. Madankollu, diġà hemm żebgħa sewda u skura disponibbli li tista' tiġi individwata bl-infraaħmar u mhijiex ibbażata fuq l-iswed tal-karbonju.</i></p>
<p><b>Kompożizzjoni tal-materjal</b></p>	<p><i>Huwa preferibbli l-użu ta' monomaterjali jew kombinazzjonijiet ta' materjali li jippermettu separazzjoni faċli u jiżguraw rendiment għoli ta' materja prima sekondarja.</i></p>

<b>Barrieri/kisjiet</b>	<p><i>Il-preżenza ta' barrieri/kisjiet fl-imballaġġ tista' tagħmel ir-riċiklaġġ aktar diffiċli. Madankollu, jekk jeżistu rekwiżiti b'rabta ma' barrieri, materjali b'hall-ossidu tas-siliċju jew l-ossidu tal-aluminju jistgħu jintużaw sa ċertu perċentwal.</i></p> <p><i>Għall-imballaġġ tal-karta/kartun, il-kisi għandu fil-prinċipju jiġi evitat. Madankollu, kisjiet tal-plastik b'naħa waħda jew laminat tal-plastik jistgħu jintużaw sabiex jiżguraw kontenut ta' fibra, fl-aħjar każ ogħla minn 95 %.</i></p>
<b>Linka/stampar</b>	<p><i>L-użu ta' linka b'sustanzi ta' tħassib ifixkel ir-riċiklaġġ, peress li dawk l-unitajiet tal-imballaġġ ma jistgħux jiġu rriċiklati. Il-linka tal-istampar meta tiġi rilaxxata tista' tikkontamina l-fluss tar-riċiklaġġ mill-ilma tal-ħasil. Bl-istess mod, il-linka tal-istampar, li ma tiġix rilaxxata tista' tfixkel it-trasparenza tal-fluss tar-riċiklaġġ.</i></p>
<b>Residwi tal-prodotti/faċilità biex jibattlu</b>	<p><i>Id-disinn tal-imballaġġ għandu jippermetti t-tbattil faċli tal-kontenut tal-prodott u meta jintrema għandu jkun f'kundizzjoni mbattla għalkollox.</i></p> <p><i>Fil-fatt, ir-residwi fl-imballaġġ jista' jkollhom effetti negattivi fuq il-frazzjonijiet tar-riċiklaġġ.</i></p>
<b>Faċilità taż-żarmar (karatteristika tad-disinn tal-imballaġġ)</b>	<p><i>L-approċċi tad-disinn jistgħu jiffaċilitaw il-faċilità taż-żarmar tal-prodotti tal-imballaġġ f'partijiet differenti, eż. f'partijiet li għandhom ħafna materjali ta' valur u/jew sustanzi perikolużi. Dan jgħin biex jiġi estratt il-materjal fil-mira mill-imballaġġ u b'hekk jiżied il-potenzjal ta' riċiklabilità tal-imballaġġ.</i></p>

Or. en

### Ġustifikazzjoni

*Filwaqt li l-emenda 321 tal-Kumitat ENVI tistabbilixxi lista ta' kriterji li l-Kummissjoni għandha tikkunsidra meta tfassal l-Att Delegat dwar id-Disinn għar-Riċiklaġġ, huwa utli wkoll li tiġi inkluża deskrizzjoni ta' tali kriterji. Dan iservi bħala direzzjoni utli għall-industrija, u jippermetti lill-produtturi tal-imballaġġ li diġà jibdew jadattaw l-imballaġġ tagħhom qabel ma l-Kummissjoni tippubblika l-Att Delegat tagħha.*

16.11.2023

A9-0319/475

**Emenda 475**

**Grace O'Sullivan**

f' isem il-Grupp Verts/ALE

**Rapport**

**Frédérique Ries**

L-imballaġġ u l-iskart mill-imballaġġ

(COM(2022)0677 – C9-0400/2022 – 2022/0396(COD))

**A9-0319/2023**

**Proposta għal regolament**

**Anness V – ringiela 2**

*Test propost mill-Kummissjoni*

2.	Imballaġġ tal-plastik li jintuża darba biss, imballaġġ kompost li jintuża darba biss jew imballaġġ ieħor li jintuża darba biss għall-frott u għall-ħxejjex friski	Imballaġġ li jintuża darba biss għal inqas minn 1,5 kg ta' frott u ħxejjex friski, sakemm ma jkunx hemm bżonn dimostrarbblu li jiġi evitat telf ta' ilma jew telf ta' turġidità, perikli mikrobijoloġiċi jew xokkijiet fiżiċi.	Xbieki, boroż, trejs, kontenituri
----	---	--	-----------------------------------

*Emenda*

2.	Imballaġġ tal-plastik li jintuża darba biss, imballaġġ kompost li jintuża darba biss jew imballaġġ ieħor li jintuża darba biss għall-frott u għall-ħxejjex friski	Imballaġġ li jintuża darba biss għal inqas minn 1.5 kg ta' frott u ħxejjex friski, sakemm ma jkunx hemm bżonn dimostrarbblu li jiġu evitati telf ta' ilma, <b><i>ekoloġizzazzjoni</i></b> , jew telf ta' turġidità, perikli mikrobijoloġiċi jew xokkijiet fiżiċi, <b><i>jew dment li dawn il-prodotti ma jkunux soġġetti għal DOP (Denominazzjoni ta' Oriġini Protetta) u IĠP (Indikazzjonijiet Ġeografiċi Protetti) skont il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni.</i></b> <b><i>Il-lista tal-prodotti kkonċernati għandha tiġi stabbilita mill-Kummissjoni b'konsultazzjoni mal-Istati Membri u wara</i></b>	Xbieki, boroż, trejs, kontenituri
----	---	---	-----------------------------------

		<i>li tirċievi l-opinjoni tal-Aġenzija Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel mhux aktar tard minn... [sitt xhur wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament]. Għandha tqis ir-riskji ta' taħsir u ta' ħela tal-ikel, meta dawn il-prodotti jinbiegħu bl-ingrossa.</i>	
--	--	--	--

Or. en

#### *Ġustifikazzjoni*

*Ir-rapport tal-Kumitat ENVI jillimita r-restrizzjoni fuq l-imballaġġ li jintuża darba biss għall-frott u l-ħxejjex għall-plastik li jintuża darba biss u l-imballaġġ kompost, iżda dan mhuwiex iġġustifikat. Din hija miżura importanti għall-prevenzjoni tal-iskart u għalhekk għandha tapplika għall-materjali kollha, inkluża l-karta li tintuża darba biss. Xi eżenzjonijiet għal din id-dispożizzjoni huma ġġustifikati, u din hija r-raġuni għaliex din l-emenda żżomm l-eżenzjonijiet li huma inklużi fl-emenda 329 tal-Kumitat ENVI.*

16.11.2023

A9-0319/476

**Emenda 476**

**Grace O'Sullivan**

f' isem il-Grupp Verts/ALE

**Rapport**

**Frédérique Ries**

L-imballaġġ u l-iskart mill-imballaġġ

(COM(2022)0677 – C9-0400/2022 – 2022/0396(COD))

**A9-0319/2023**

**Proposta għal regolament**

**Anness V – ringiela 3**

*Test propost mill-Kummissjoni*

3.	Plastik li jintuża darba biss, imballaġġ kompost li jintuża darba biss jew imballaġġ ieħor li jintuża darba biss	L-imballaġġ li jintuża darba biss għall-ikel u għax-xorb mimli u kkunsmat fil-bini fis-settur HORECA, li jinkludi ż-żona kollha tal-ikel ġewwa u barra post tan-negozju, li fiha jkun hemm imwejjed u banketti, żoni fejn wieħed joqgħod bilwieqfa, u żoni tal-ikel offruti lill-utenti finali b'mod konġunt minn diversi operaturi ekonomiċi jew parti terza għall-finijiet li jiġi kkunsmat l-ikel u x-xorb	Trejs, platti u kikkri li jintremew wara l-użu, boroż, fojl, kaxxi
----	--	---	--

*Emenda*

3.	Plastik li jintuża darba biss, imballaġġ kompost li jintuża darba biss jew imballaġġ ieħor li jintuża darba biss	L-imballaġġ li jintuża darba biss għall-ikel u għax-xorb mimli u kkunsmat fil-bini fis-settur HORECA, li jinkludi ż-żona kollha tal-ikel ġewwa u barra post tan-negozju, li fiha jkun hemm imwejjed u banketti, żoni fejn wieħed joqgħod bilwieqfa, u żoni tal-ikel offruti lill-utenti finali b'mod konġunt minn diversi operaturi ekonomiċi jew parti terza għall-finijiet li jiġi kkunsmat l-ikel u x-xorb, <b><i>ħlief għall-mikrokumpaniji li jistgħu jippruvaw il-ħtieġa għal imballaġġ li jintuża darba minħabba li m'għandhomx aċċess għall-infrastruttura meħtieġa għall-operat xieraq ta' sistema ta' użu mill-ġdid.</i></b>	Trejs, platti u kikkri li jintremew wara l-użu, boroż, fojl, kaxxi
----	--	--	--

*(Marbuta mal-emenda għall-Artikolu 22, paragrafu 6 mill-istess awtur).*

Or. en

## *Ġustifikazzjoni*

*L-emenda 330 tal-Kumitat ENVI tippermetti eżenzjoni għal kwalunkwe kumpanija mill-projbizzjoni li tuża imballaġġ li jintuża darba biss għall-ikel fuq ġewwa jekk tkun tista' turi l-ħtieġa li tuża imballaġġ li jintuża darba biss. Tali eżenzjoni wiesgħa timmina kompletament l-obbligu tal-użu tal-imballaġġ li jista' jerġa' jintuża. Il-mikrokumpaniji – u l-mikrokumpaniji biss – għandhom tabilħaqq jiġu eżentati, iżda biss jekk ma jkunx teknikament fattibbli għalihom li jużaw imballaġġ li jista' jerġa' jintuża jew li jiksbu aċċess għall-infrastruttura li hija meħtieġa għall-użu mill-ġdid.*

16.11.2023

A9-0319/477

**Emenda 477**

**Grace O'Sullivan**

f' isem il-Grupp Verts/ALE

**Rapport**

**Frédérique Ries**

L-imballaġġ u l-iskart mill-imballaġġ

(COM(2022)0677 – C9-0400/2022 – 2022/0396(COD))

**A9-0319/2023**

**Proposta għal regolament**

**Anness V – ringiela 4**

*Test propost mill-Kummissjoni*

4.	Imbillaġġ li jintuża darba biss għall-kondimenti, għall-preżervattivi, għaz-zlazi, għall-prodott tal-krema tal-kafè, għaz-zokkor, u għall-ħwawar fis-settur tal-HORECA	Imbillaġġ li jintuża darba biss fis-settur tal-HORECA, li fih porzjonijiet jew daqsijiet individwali, li jintuża għall-kondimenti, għall-preżervattivi, għaz-zlazi, għall-prodott tal-krema tal-kafè, għaz-zokkor u għall-ħwawar, għajr imbillaġġ bħal dan ipprovdut flimkien ma' ikel ippreparat minn qabel biex jittieħed id-dar maħsub għal konsum immedjat mingħajr il-ħtieġa ta' ebda preparazzjoni ulterjuri	Pakketti, kontenituri żgħar, trejs, kaxxi
----	--	--	---

*Emenda*

4.	Imbillaġġ li jintuża darba biss għall-kondimenti, għall-preżervattivi, għaz-zlazi, għall-prodott tal-krema tal-kafè, għaz-zokkor, u għall-ħwawar fis-settur tal-HORECA	Imbillaġġ li jintuża darba biss fis-settur HORECA, li fih porzjonijiet jew daqsijiet individwali, li jintuża għall-kondimenti, għall-preżervattivi, għaz-zlazi, għall-prodott tal-krema tal-kafè, għaz-zokkor u għall-ħwawar, <b>għajr fil-każijiet li ġejjin:</b> <b>(a)</b> imbillaġġ bħal dan ipprovdut flimkien ma' ikel ippreparat minn qabel biex jittieħed id-dar maħsub għal konsum immedjat mingħajr il-ħtieġa ta' ebda preparazzjoni ulterjuri; <b>(b) f'ċentri fejn huma meħtieġa attenzjoni u servizz individwalizzati, bħal sptarijiet, kliniċi, u djar tal-kura;</b>	Pakketti, kontenituri żgħar, trejs, kaxxi
----	--	--	---



*Ġustifikazzjoni*

*Din l-emenda sempliċiment tħassar il-punt (c) mill-emenda 331 tal-Kumitat ENVI minħabba li s-swieg tal-bdiewa ma għandhomx jitqiesu bħala parti mis-settur HORECA.*